Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 29 ta' Mejju 2019**
**(OR. en)**

**9424/19**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0400/A(COD)**

| | |
|---|---|
| **CODEC 1105** | **AGRILEG 97** |
| **INST 138** | **IND 177** |
| **JUR 262** | **COMPET 413** |
| **TELECOM 232** | **MAP 11** |
| **DEVGEN 108** | **POLARM 7** |
| **EMPL 278** | **COARM 85** |
| **SOC 368** | **CSDP/PSDC 248** |
| **ENER 273** | **CFSP/PESC 390** |
| **ENV 491** | **CONSOM 169** |
| **STATIS 39** | **SAN 254** |
| **ECOFIN 501** | **JUSTCIV 122** |
| **DRS 42** | **AVIATION 111** |
| **EF 199** | **TRANS 345** |
| **MI 451** | **MAR 111** |
| **ENT 136** | **UD 145** |
| **CHIMIE 81** | **CLIMA 143** |

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jadatta għadd ta' atti ġuridiċi li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv |

1. Fl-14 ta' Diċembru 2016 il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq[1], ibbażata fuq l-Artikolu 33, l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 53(1), l-Artikolu 62, l-Artikolu 64(2), l-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2), l-Artikolu 114, l-Artikolu 153(2)(b), l-Artikolu 168(4)(a), l-Artikolu 168(4)(b), l-Artikolu 172, l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 207, l-Artikolu 214(3), u l-Artikolu 338(1) TFUE.

[1] 5623/17.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fl-1 ta' Ġunju 2017[2].

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fl-1 ta' Diċembru 2017[3].

4. Fis-17 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[4].

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub jikkonferma l-ftehim tiegħu kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-Kunsill stabbilita fl-Addendum 2 għal din in-nota, li għandu jiddaħħal fir-rapport fil-qosor tal-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti.

6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa wkoll mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill:

– japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 65/19, bħala punt "A" fuq l-aġenda f'laqgħa li jmiss;

– jiddeċiedi li d-dikjarazzjoni li tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota tiddaħħal fil-minuti ta' dik il-laqgħa u tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

2 ĠU C 288, 31.8.2017, p. 29.
3 ĠU C 164, 8.5.2018, p. 82.
4 8448/19.